KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 11/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

*L-Erbgħa 27 ta' Mejju 2020*

Fid-dawl tal-miżuri marbuta mal-imxija tal-COVID-19, il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma "ZOOM" l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2020. Il-laqgħa kienet skedata għas-1.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-kunsillier Ivan Bartolo talab sabiex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri qablu li jkun skużat.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 10 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri ittra mill-bord tal-aġġudikazzjoni tal-proġetti sabiex jiġu ffinanzjati bin-Norway Grants fejn jidher li dawn ma kienux qed jaċċettaw il-proġett fid-dawl li qed jiġi allegat illi l-materjal wasal tard kif ukoll għax il-mistoqsija tas-survey li kien mitlub isir mal-applikazzjoni ma sarx kif rikjest. Il-membri iddiskutew dan u qablu li isir l-appell fid-dawl illi s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-materjal kien idaħħal kollu u ġie konfermat mill-istess entita' kif ukoll illi s-survey mar oltre dak rikjest u talab aktar informazzjoni.

3.2. Korrispondenza mingħand Heritage Malta sabiex isiru aktar tabelli fil-madwar sabiex jiġi aktar ċar kif wieħed jasal fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Il-membri iddiskutew din it-talba u fid-dawl illi hemm dubju jekk dawn humiex fir-responsabiltà tal-Gvern Ċentrali. Għaldaqstant il-membri qablu li isir verifikat min huwa responsabbli sabiex dawn ikunu jistgħu isiru.

3.3. Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tara il-Kunsill għandux interess li jirċievi pagamenti fil-Kunsill permess ta' kards. Il-membri qablu mal-kunċett però talbu li isir verifikat min ser jassorbi ħlasijiet ta' dan is-servizz għall-pagamenti li jinġabru għall-entitajiet oħra.

4. **<u>Covid-19</u>**

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri l-istqarrija li ħareġ il-Kunsill Lokali Paola fejn wera il-ħsieb tiegħu li is-Suq tħalla jarma b'ċertu limitazzjonijiet. Il-Kunsilleri Camilleri qal li sa issa is-sitwazzjoni tidher kontrollabli għax l-ammont ta' nies li qed jattendu huwa limitat kif ukoll illi dawk li jarmaw huma anqas mis-soltu.

*Il-Kunsilliera Delezio daħlet issa.*

4.2. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem ukoll mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali sabiex jitkompla il-proċess marbut mar-ri-organizzazzjoni tal-monti.

*Il-Kunsillier Axisa daħal issa.*

5. **Offerti**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kienu qed jaslu biex jiskadu it-tenders tal-ġbir ta' skart u tal-knis. Il-membri approvaw li tinħareġ offerta għall-knis bil-baġit totali għal erba' snin ta' €300,000 kif ukoll il-membri iddiskutew u approvaw li tinħareġ sejħa għall-ġbir ta' skart li xorta tkun tista' tkopri terminu ta' erba' snin u mhux sal-2022. Dan wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ma setax wieħed joħroġ offerta ta' erba' snin hekk kif direttiva li kien ħareġ id-dipartiment kienet tgħid li m'għandhomx isiru sejħiet għall-perjodu aktar mill-2022 fid-dawl tal-liġi li tgħid li mill-2022 l-iskart għandu jinġabar mir-reġjuni. Il-membri talbu lis-Segretarju sabiex jikkonferma kif dan jista' isir.

6. **Proġetti**

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi dwar Ġnien Dom Mintoff huwa kien ġie kkuntatjat mill-uffiċjali tal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex tara li dan il-proġett jingħalaq hekk kif kien qed isir ix-xogħol mill-Fondazzjoni għaż-żoni turistiċi. L-MTA trid li x-xogħol jingħalaq sabiex eventwalment dan jgħaddi f'idejn il-Kunsill.

6.2. Is-Sindku informa lill-membri illi kien irċieva email dwar il-proġett tal-Pjazza mingħand l-On. Parnis dwar in-nuqqasijiet tal-pjazza. Is-Sindku qal li bħalissa qed isir rapport mill-Perit tal-Kunsill bin-nuqqasijiet kollha li hemm sabiex umbagħad issir laqgħa mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta dwar dan ix-xogħol.

7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku qal li dan l-aħħar qed jinnota illi ħafna klijenti qed jistennew barra qabel jidħlu għall-ħwienet u qed jara ħafna persuni jarmu sigaretti barra. Huwa qal li qed jissuġġerixxi li tintbagħat ittra lill-ħwienet sabiex jipprovdu *ash tray* fid-daħla tal-ħanut. Il-membri qablu ma' dan il-ħsieb.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar is-CCTV tas-suq kif ukoll qal li wassallu ilment dwar l-un/loading ta' fuq tal-pjazza fejn qed jitħalla trakk ġurnata sħiħa fl-un/loading. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jistenna kwotazzjonijiet dwar is-CCTV kif ukoll qal li ma jistax persuna tipparkja trakk fl-un/loading u ma tkunx qed tħott però dawn jiġu koperti mis-CCTV tal-pjazza.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-isem ta' parti minn Triq Santa Monika li kellha tinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ma kienitx ġiet aċċettata.

8.3. Il-Kunsilliera Camilleri qal li mhux sewwa illi l-membri tal-Kunsill qed jibqgħu jirċievu sabiex jgħinu fir-restawr tal-Knisja ta' St. Ubaldeska. Is-Sindku qal li dan kien ġie ċċarat lilna li mhux possibbli li dan ix-xogħol jiġi kopert mill-iskemi ta' restawr li kienu ħarġu għall-Kunsilli. Li jistgħu forsi ssir pressjoni

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 10 għas-somma ta' €101,844.83.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-2:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |